MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 41/2012

Mobisle **Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Buhagiar Johannah Louise**

**I.D. 87807L**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici tablet sabiex il-konvenuta tigi kkundanata thallas is-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u hamsin ewro u erbghin centezmi (€1,457.40) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51007925 moghtija mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi 'ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi 'l-konvenut gie 'nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra 'l-konvenut, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Wara li l-konvenuta giet debitament notifikata hija pprezentat risposta fl-1 ta' Marzu, 2012 fejn eccepiet illi:

1. Fl-ewwel lok it-talba attrici hija nfondata stante li l-ammont pretiz huwa inkorrett. L-ammont dovut huwa ghalhekk elf u tmenin ewro (€1080.00) ossija hamsa u erbghin ewro (€45) ghall-sentejn;
2. Illi l-konvenuta hija lesta li thallas l-ammont minnha dovut, ossija il- elf u tmenin ewro (€1080.00), basta dan il-hlas isir permezz ta' rati mensili fuq perjodi ta' sena;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;
4. Bl-ispejjez a karigu ta' l-atturi.

Illi wara t-tribunal kien mitlub jghati zmien biex il-partijiet jaslu ghal transazzjoni, din it-transazzjoni ma sehhitx u ghalhekk it-Tribunal ghadda biex jisma l-provi.

Illi fis-sedta tas-16 ta' Settembru, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz taghha rriduciet is-somma ghall-elf mija u sbatax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,117.65).

Illi minkejja li t-Tribunal ta' zmien reporwali sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha.

It-Tribunal ghalhekk peress illi ma tressqet ebda prova sabiex tissostanza l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad tali ecezzjonijiet u jilqa' it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sbatax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,117.65). bl-imghax legali mid-data tal prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------